

Panel ta' Ċittadini Ewropej dwar il-Mobbiltà għat-Tagħlim

Sessjoni 1 – Rapport ta' Sinteżi

mit-3 sal-5 ta' Marzu 2023



European Citizens Panel
**learning
mobility**
Have Your Say

[#LearningMobilityEU](https://twitter.com/LearningMobilityEU)



1. Ħarsa ġenerali

Il-Panel taċ-Ċittadini Ewropej dwar il-Mobbiltà għat-Tagħlim jikkonsisti minn 150 ċittadin magħżul b'mod aleatorju u jiltaqa' għal tliet sessjonijiet. L-ewwel sessjoni saret mit-3 sal-5 ta' Marzu 2023 f'Brussell u din introduċiet is-suġġett kif ukoll il-kuntest tal-panel. Iċ-ċittadini bdew jsiru jafu lil xulxin u tgħallmu dwar ir-regoli għal diskussjonijiet kostruttivi. Huma mbagħad ddiskutew aktar fil-fond biex jifhemu l-gruppi fil-mira għal aktar mobbiltà għat-tagħlim fl-Ewropa, u l-isfidi biex jintlaħaq dan l-għan. Ir-rappreżentanti tal-Kummissjoni Ewropea u l-kelliema esterni għenu liċ-ċittadini jifhemu aħjar il-programmi u xi wħud mill-isfidi biex l-opportunitajiet ta' mobbiltà għat-tagħlim isiru realtà għal kulħadd. L-għan tal-ewwel sessjoni kien li jiġu kondiviżi u mmappjati l-esperjenzi personali bil-mobbiltà għat-tagħlim, li jiġu definiti l-gruppi fil-mira u li jiġu identifikati l-ostakli għall-attivitajiet tal-mobbiltà għat-tagħlim, li iċ-ċittadini jsibu rilevanti għal aktar diskussjonijiet fis-sessjonijiet li jmiss.

Qabel is-sessjoni sar stħarriġ biex tinkiseb ħarsa ġenerali lejn l-esperjenzi preċedenti bil-mobbiltà għat-tagħlim u mingħajrha fost iċ-ċittadini tal-panel. L-istħarriġ ittiegħed minn 97 risponent, li minnhom 47 ċittadin (48.5 %) kienu għamlu esperjenzi fil-mobbiltà għat-tagħlim u 50 ċittadin (51.5 %) li sa issa ma kinux involuti f'attivitajiet ta' mobbiltà għat-tagħlim.

L-ewwel ġurnata (Il-Ġimgħa)

Il-Ġimgħa, iċ-ċittadini ġew milqugħa mill-moderaturi ewlenin u minn żewġ rappreżentanti tal-Kummissjoni Ewropea: Mariya Gabriel, il-Kummissarju għall-Innovazzjoni, ir-Riċerka, il-Kultura, l-Edukazzjoni u ż-Żgħażaġħ, u Pia Ahrenkilde Hansen, id-Direttur Ġenerali għall-Komunikazzjoni. Huma enfasizzaw l-importanza tal-Panel taċ-Ċittadini u l-viżjonijiet tal-UE għas-settur tal-edukazzjoni u t-taħriġ. Il-moderaturi ewlenin spjegaw l-ordni tal-ewwel sessjoni tal-aġenda kif ukoll tas-sessjonijiet ta' wara liċ-ċittadini. Wara xi loġħob biex isiru jafu lil xulxin, Jutta König-Georgiades, id-Direttorat Ġenerali għall-Komunikazzjoni, tal-Kummissjoni Ewropea, introduċiet fil-qosor il-korpi tal-UE, kif ukoll il-proċess tat-teħid tad-deċiżjonijiet u dak leġiżlattiv biex tħejji aktar liċ-ċittadini għad-diskussjonijiet li ġejjin. Imbagħad, Ute Haller-Block, il-Kap tal-Unità, tad-Direttorat Ġenerali għall-Edukazzjoni, iż-Żgħażaġħ, l-Isport u l-Kultura, tal-Kummissjoni Ewropea, introduċiet is-suġġett tal-panel fid-dettall. Il-mobbiltà għat-tagħlim ġiet esplorata aktar mill-perspettiva tal-esperjenzi proprji taċ-ċittadini fit-tagħlim u t-taħriġ f'pajjiżhom u barra minn pajjiżhom, kif ukoll l-"opportunitajiet mitlufa" tagħhom ta' mobbiltà għat-tagħlim u kwalunkwe opportunità li għażlu li jiċħdu. Iċ-ċittadini ntalbu jpoġġu post-it bi tliet kuluri fuq mappa tal-Ewropa sabiex jiproduċu immaġni viżiva tal-esperjenzi ta' tagħlim tagħhom f'pajjiżhom u barra minn pajjiżhom, u dawn il-post-it/l-esperjenzi kienu sussegwentement il-bażi għall-kontribut tal-membri tal-kumitat tal-għarfien u l-persuni tar-riżorsi, li ntalbu jikkumentaw u jelaboraw dwar l-esperjenzi individwali minn fuq il-palk, filwaqt li jagħtu kontributi aktar ġenerali tagħhom stess dwar it-tipi differenti ta' mobbiltà għat-tagħlim: il-mobbiltà skolastika, il-mobbiltà taż-żgħażaġh, l-edukazzjoni u t-taħriġ vokazzjonali barra mill-pajjiż, il-mobbiltà tal-adulti, u l-mobbiltà tal-istudenti.

It-tieni gurnata (Is-Sibt)

Is-Sibt, iċ-ċittadini ħadmu ma 12-il grupp ta' ħidma parallel bl-għajnuna ta' interpretazzjoni simultanja u ta' faċilitaturi esperjenzati. Il-gruppi pproduċew il-kontenut tagħhom fuq spreadsheets multilingwi li ġew interkonnessi mal-gruppi l-oħra. Iċ-ċittadini l-ewwel qasmu l-esperjenzi tal-imġhoddi u dawk attwali tal-mobbiltà għat-tagħlim u rriflettew fuq id-definizzjoni u t-tipi differenti ta' mobbiltà għat-tagħlim. Minn hawn 'il quddiem, il-gruppi ddiskutew il-gruppi fil-mira għall-mobbiltà għat-tagħlim u żviluppaw profili b'enfasi fuq il-karattri li jistgħu jibbenefikaw aktar minn mobbiltà għat-tagħlim akbar. Kull grupp żviluppa bejn 2 u 6 profili ħalli jirrappreżentaw dawn il-gruppi fil-mira. Il-profilu ntużaw biex jiddefinixxu l-isfidi u l-ostakli għall-gruppi fil-mira ewlenin. Il-gruppi ffukaw dwar diskussjonijiet tal-isfidi u tal-ostakli, iżda tkellmu wkoll dwar xejriet futuri u żviluppi u innovazzjonijiet soċjetali li jista'

jkollhom impatt fuq il-mobbiltà għat-tagħlim, u barra minn hekk bdew diskussjonijiet dwar is-soluzzjonijiet possibbli u l-faċilitaturi korrispondenti. Matul il-ġurnata, iċ-ċittadini setgħu jistaqsu mistoqsijiet lill-esperti fiċ-“Ċentru tal-Għarfien u l-Infommazzjoni” (KIC). Wara li iċ-ċittadini temmew xogħolhom is-Sibt, il-membri tal-Kumitat tal-Għarfien u l-esperti oħra fuq il-post, flimkien mal-membri tat-Tim għad-Deliberazzjoni, għabru flimkien total ta’ 54 profil żviluppanti fil-gruppi ta’ ħidma, li rriżulta fil-ħolqien ta’ 12-il ġabra separata ta’ profili

It-tielet ġurnata (Il-Ħadd)

Il-Ħadd filgħodu, il-parteċipanti rċevew ġabra waħda ta’ profili (kien hemm bejn 2 sa 7 profili għal kull ġabra). Kull profil kellu stampa tal-profil iġġenerata mill-programm tal-AI DALL-E, li kienet ibbażata fuq id-deskrizzjonijiet demografiċi magħmula mill-gruppi. L-aħħar pass fil-gruppi ta’ ħidma kien li jinġabru fil-qosor u jiġu identifikati l-isfidi u l-ostakli trażversali għall-grupp rispettiv ta’ profili taħt osservazzjoni. Iċ-ċittadini ħejjew ruħhom ukoll għat-2 sessjoni u għabru l-mistoqsijiet u l-ħtiġijiet ta’ input għas-sessjoni li jmiss. Fis-sessjoni plenarja tal-għeluq, il-kelliema mit-12-il grupp ta’ ħidma ppreżentaw l-ostakli ewlenin għall-mobbiltà għat-tagħlim, u dawn ġew miġbura fuq bord mill-kelliem u mill-moderatur ewlieni. Wara l-preżentazzjonijiet, l-esperti taw reazzjonijiet u rimarki għall-ħidma tal-panel u għall-preżentazzjonijiet. Ir-rimarki finali u t-tislima ngħataw minn Richard Kühnel, id-Direttur tar-Rappreżentanza u tal-Komunikazzjoni fl-Istati Membri, tal-Kummissjoni Ewropea.

2. Riżultati tas-sessjoni

Il-Ħadd, iċ-ċittadini identifikaw bejn 2 u 3 sfidi u ostakli għall-mobbiltà għat-tagħlim għal kull Grupp ta’ Ħidma. B’kollox, ġew identifikati 35 sfida u ostaklu, minkejja li bosta kienu jikkoinċidu. B’mod ġenerali, l-isfidi huma relatati ma’ nuqqas ta’ aċċess u ta’ infommazzjoni, kwistjonijiet finanzjarji u ekonomiċi, ostakli lingwistiċi, fatturi soċjali u kulturali, kif ukoll ostakli personali u psikoloġiċi.

3. Lista ta’ kelliema u esperti involuti

Matul l-ewwel sessjoni, l-esperti li ġejjin ipparteċipaw bħala kelliema fil-plenarja u bħala membri taċ-Ċentru tal-Għarfien u l-Infommazzjoni (KIC), fejn wiegħbu l-mistoqsijiet taċ-ċittadini:

Esperti tal-Kummissjoni Ewropea (kelliema):

- **Jutta König-Georgiades**, id-Direttorat Ġenerali għall-Komunikazzjoni
- **Ute Haller-Block**, id-Direttorat Ġenerali għall-Edukazzjoni, iż-Żgħażaġħ, l-Isport u l-Kultura

Esperti tal-Kummissjoni Ewropea (membri tal-KIC):

- **Fabienne Metayer**, Id-Direttorat Ġenerali għall-Edukazzjoni, iż-Żgħażaġħ, l-Isport u l-Kultura
- **Giedrius Sudikas**, Id-Direttorat Ġenerali għall-Edukazzjoni, iż-Żgħażaġħ, l-Isport u l-Kultura
- **Marta Guitierrez Benet**, id-Direttorat Ġenerali għall-Edukazzjoni, iż-Żgħażaġħ, l-Isport u l-Kultura
- **Svava B. Finsen**, id-Direttorat Ġenerali għall-Edukazzjoni, iż-Żgħażaġħ, l-Isport u l-Kultura
- **Johannes Gehringer**, id-Direttorat Ġenerali għall-Edukazzjoni, iż-Żgħażaġħ, l-Isport u l-Kultura
- **Jacqueline Pacaud**, id-Direttorat Ġenerali għall-Edukazzjoni, iż-Żgħażaġħ, l-Isport u l-Kultura
- **Christian Mackeprang Bruhn**, id-Direttorat Ġenerali għall-Edukazzjoni, iż-Żgħażaġħ, l-Isport u l-Kultura
- **Kinga Szebeni**, id-Direttorat Ġenerali tal-Impjegi, l-Affarijiet Soċjali u l-Inklużjoni

Esperti esterni (kelliema u membri tal-KIC):

- **Beatriz Tourón Torrado**, il-Konsulent tal-Edukazzjoni, il-Ministeru tal-Universitajiet, l-Aġenzija Nazzjonali Spanjola għal Erasmus+ (SEPIE)
- **Mika Saarinen**, id-Direttur tal-Aġenzija Nazzjonali Finlandiża għal Erasmus + (EDUFI)
- **Juan Rayón González**, il-President, tan-Network tal-Istudenti tal-Erasmus
- **Gina Ebner**, is-Segretarju Ġenerali, tal-Assoċjazzjoni Ewropea għall-Edukazzjoni tal-Adulti
- **Ismael Páez Civico**, il-Forum Ewropew taż-Żgħażaġħ

4. Aġenda fil-qosor

Il-Ġimgħa (3 ta' Marzu)	Plenarja
mis-14:30 sat-15:00	Kliem ta' ftuħ u diskorsi introduttorji minn: <ul style="list-style-type: none"> • Kummissarju għall-Innovazzjoni, ir-Riċerka, il-Kultura, l-Edukazzjoni u ż-Żgħażaġħ, Mariya Gabriel • Direttur Ġenerali għall-Komunikazzjoni, Pia Ahrenkilde Hansen
mit-15:00 sal-15:40	Introduzzjoni għall-Panel taċ-Ċittadini: għaliex ninsabu hawn?
mill-15:40 sal-15:55	<i>Ritratt tal-Grupp</i>
mill-15:55 sal-16:15	Introduzzjoni għas-suġġett I tal-Panel (riflessjoni fuq l-esperjenzi tiegħek stess)
mill-16:15 sal-16:45	<i>Waqfa għall-Kafè</i>
mill-16:45 sas-18:30	Introduzzjoni għas-suġġett II tal-Panel (skambju ta' esperjenzi u panel ta' diskussjoni)
Is-Sibt (4 ta' Marzu)	Gruppi ta' Ħidma
mid-9:30 sa;l-11:00	Issir taf lil xulxin permezz ta': valuri u esperjenzi tal-mobbiltà għat-tagħlim
mill-11:00 sal-11:30	<i>Waqfa għall-Kafè</i>
mill-11:30 sas-13:00	Mobbiltà għat-tagħlim għal kulħadd: l-identifikazzjoni tal-gruppi fil-mira
mid-13:00 sas-14:30	<i>Waqfa għall-Ikel</i>
mis-14:30 sal-16:15	Identifikazzjoni tal-isfidi u l-ostakli attwali
mill-16:15 sal-16:45	<i>Waqfa għall-Kafè</i>
mill-16:45 sas-18:00	Esplorazzjoni ta' xejriet futuri

Il-Ħadd (5 ta' Marzu)	Gruppi ta' Ħidma u Plenarja
mid-9:30 sa; l-11:00	Gruppi ta' ħidma: it-tnejn għall-plenarja u l-ġbir ta' mistoqsijiet
mil-11:00 sa-12:00	<i>Waqfa għall-Kafè u trasferiment tal-gruppi lejn Charlemagne</i>
min-12:00 sas-13.20	Plenarja: Preżentazzjonijiet mill-gruppi, reazzjonijiet u diskussjonijiet ta' mistoqsijiet u tweġibiet
mis-13:20 sas-13:40	Rendikont u informazzjoni dwar is-sessjonijiet li jmiss

5. Reġistrazzjoni tas-sessjonijiet plenarji

3 ta' Marzu 2023, mis-14:30 sas-18:30 CET, Plenarja: <https://webcast.ec.europa.eu/european-citizens-panel-on-learning-mobility-session-1-20230303>

5 ta' Marzu 2023, min-12:00 sas-13:40 CET, Plenarja: <https://webcast.ec.europa.eu/european-citizens-panel-on-learning-mobility-session-1-20230305>